MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 62/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Desira**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Desira talli:

(1) Nhar-it 2 ta' Novembru 2002 ghall-habta ta' 06.00 hrs fl-inhawi ta' l-ghalqa Ta' Misrah Stejnu, Zejtun, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Carabott skond kif iccertifika Dr. Pierre Farrugia MD (ophthalmic ward – SLH);

(2) Fl-istess data, hin u lok kellu fil-pusess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita mil-ligi, tordna l-konfiska ta' l-arma kif ukoll tordna s-sospensjoni milli l-imsemmi Noel Desira jkollu licenzja ghal perijodu li jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Noel Desira hati skond l-akkuza u, wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(c), 28A u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu jhallas multa ta' erba' mija hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87), tliet xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Noel Desira pprezentat fis-6 ta' Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti.

Issa in materja ta' apprezzament ta' provi, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti

setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat kemm is-sentenza appellata kif ukoll il-provi kollha migjuba quddiem l-ewwel Qorti. Issa, l-ewwel Qorti tat diversi ragunijiet ghaliex dehrilha bla dubju dettat mir-raguni li kien l-appellant li laqat lil Joseph Carabott. L-ewwel tliet ragunijiet jirrigwardaw dak li xehed Joseph Carabott u dak li jirrizulta minnhom hu biss li fil-hin ta’ l-incident gew sparati aktar minn tir wiehed simultanejament. Ir-raguni principali li waslet lill-ewwel Qorti tikkonkludi kif ikkonkludiet hi dik kontenuta fir-raba’ punt minnha elenkat, cioe` li “mid-dinamika ta’ kif gew sparati t-tiri mill-iskizz ta’ Ludwig Aquilina (dokument LA) kif ukoll l-iskizz esebit mill-Pulizija (dokument PS) mid-direzzjoni tal-projettili ta’ l-isparatura ta’ Ludwig Aquilina ma setghet qatt tolqot lil Joseph Carabott u kienet [*recte:* kienu] il-projettili illi spara Noel Desira illi setghu laqtu lil Joseph Carabott.”

L-appellant pero` jaghmel numru ta’ sottomissjonijiet ghaliex fil-fehma tieghu l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli. Jirreferi ghax-xiehda

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ta’ P.S. 918 Anthony Agius dwar l-investigazzjonijiet li ghamel mnejn irrizultalu li l-aktar persuna qrib Joseph Carabott kien Ludwig Aquilina. Jghid li Ludwig Aquilina, li gie akkuzat bl-istess reati li gie akkuzat bihom l-appellant, ma xehedx f’dawn il-proceduri izda xehed fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu fejn qal li beza’ mill-Pulizija u kien ghalhekk li fil-bidu nnega kollox maghhom. Dan, isostni l-appellant, juri li Aquilina hass illi kellu ghalfejn jibza’. Skond l-appellant, il-fatt li nharget akkuza identika fil-konfront tieghu u ta’ Aquilina juri li l-prosekuzzjoni mill-ewwel kellha dubju dwar min ikkawza l-incident; l-unika prova li ngabet kienet li kien hemm aktar minn sparatura wahda fil-hin ta’ l-incident. L-appellant jirreferi wkoll ghax-xiehda tal-vittma Joseph Carabott li ndika li kienu sparaw kemm Ludwig Aquilina kif ukoll persuna ohra li ma gharafx min kienet izda li lil Aquilina biss ra jispara u li, skond il-vittma, kien laqtu. Imbaghad hemm ix-xiehda ta’ Roderick Schembri li qal li ma ra lil hadd mill-ahwa Desira b’xi senter f’idejhom dakinhar. Fl-ahharnett l-appellant jirreferi ghax-xiehda ta’ P.S. 154 Jesmond Cassar, stazzjonat l-FSL, li qal li ma setax jigi stabbilit minn liema senter gie sparat it-tir peress li r-*rifling* kien *smooth bore*.
Ta’ min jghid l-ewwelnett li l-ewwel Qorti rreferiet ghall-iskizz ta’ Ludwig Aquilina (Dok. LA) meta mill-atti ma jirrizulta l-ebda tali skizz u meta jirrizulta li Ludwig Aquilina ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri proprju minhabba l-proceduri inizjati kontra tieghu wkoll. Kwantu ghall-iskizz tal-Pulizija mbaghad, evidentement dan huwa bbazat fuq dak li qalu kemm Joseph Carabott kif ukoll Ludwig Aquilina lill-Pulizija.

Issa, kwantu ghal Joseph Carabott, minn ezami tax-xiehda tieghu jirrizulta li huwa fl-ebda hin ma seta’ jidentifika lill-appellant bhala l-persuna li spara fid-direzzjoni tieghu. Ghalkemm jikkonferma li sema’ aktar minn tir wiehed, l-unika persuna li seta’ jara jispara kien proprju Ludwig Aquilina u meta ntlaqat u mar fuq Aquilina, dan qallu li ma kienx hu u li kien hemm haddiehor li spara li kien bla licenzja. Carabott qal ukoll li qabel kien ra kaccatur iehor li pero` ma gharfux u li kien boghod minnu kwazi kemm kien boghod Aquilina. Meta xehed it-tieni darba, Carabott indika fuq l-iskizz tal-Pulizija l-pozizzjoni

fejn kienet it-tajra li ghaliha gew sparati t-tiri. Jekk il-pozizzjoni tal-kaccaturi hi korretta, aktar jidher verosimili li Carabott kien *in the line of fire* ta’ Aquilina milli ta’ kaccatur iehor.

Kif diga`ntqal, Ludwig Aquilina ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri. Ghalhekk x’setghu qalu l-Pulizija dwar dak li qalilhom Aquilina jista’ jittiehed biss bhala prova ta’ dak li seta’ ntqal u mhux bhala prova ta’ dak minnu allegat. Jidher effettivament, u dan mix-xiehda ta’ l-Ispettur Walter Spiteri, li meta l-Pulizija kellmet lil Aquilina dan ghall-bidu sahansitra nnega li kien spara izda ammetta li kien spara wara konfront ma’ Joseph Carabott. Il-Pulizija waslu biex jiehdu passi kontra membri tal-familja Desira wara li l-istess Aquilina qal lill-Pulizija li kien hemm tifel li kien spara fl-istess hin u ta lill-Pulizija n-numri tal-karozzi li juza missier it-tifel. Jirrizulta li P.S. 918 Anthony Agius kellem lill-ahwa Desira, inkluz lill-appellant, u l-appellant innega li kien spara ghat-tajra kif allegat minn Aquilina.

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jkollha tqis il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti bhala *unsafe and unsatisfactory* u ghalhekk l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant Noel Desira mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------